**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2020.**

**<u>Rikors nru: 96/2020 AGV:</u>**

**ABC**

**VS**

**DC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB C** datat 3 ta' Marzu 2020, fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewgu fil-hamsa ta' Mejju tas-sena 2007 fir-Registru Pubbliku Valletta, Malta -Dok A;
2. Illi l-partijiet ilhom separti de facto minn Novembru 2010 u sussegwentament isseparaw legalment permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Abela datat 17 ta' April tas-sena 2019- Dok B;

3. Illi l-partijiet ghandhom tlett ulied, li ghandhom hmistax, tnax u hdax -il sena;
4. Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data li fiha l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant l-esponenti ABC umilment jitlob lil din Onorabbli Qorti, joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata DC bhala mahlul, li u li l-partijiet huma divorzjati ghal-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, sabiex tordna lir-Registratur tal-Qrati, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divzorju tal-partijiet sabiex dan ikun registrata fir-registru pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti, jidhrilha xieraq u opportuni.

Il-Qorti rat li t-terminu tar-risposta skada, u ma giet prezentata l-ebda risposta min-naha ta' DC.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew sodisfatti, u ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**